MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tal-21 ta' Frar, 2011

Numru. 326/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Frans Micallef]**

**vs**

**Louis Ellul**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Louis Ellul detentur tal-karta tal-identita` numru 330170(M).

Akkuzat talli f'Hal Luqa fix-xahar ta' Awwissu 2007 u matl ix-xhur ta' wara:
Minghajr awtorizzazzjoni uza computer jew xi taghmir iehor f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg li jinzammu f'dak il-computer jew f'xi computer iehor, jew uza, ikkopja jew immodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg bhal dawk; (Ch 9 sec 337C 1a);

Talli wkoll fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel output ta' xi data, software jew dokumentazzoni ta' appogg mill-computer li jkunu qeghdin jinzammu fih, jew billi dawn jittellghu bi xbiha jew b'kull mod iehor li jkun (Ch. 9 337C 1b);

Talli wkoll fl-istess zmien u cirkostanzi kkopja kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg ghal kull medjum ta' hzin li ma jkunx dak li soltu jinzamm fih jew ghal imkien differenti fil-medjum ta' hzin fejn soltu jinzamm; (Ch. 9 sec. 337C 1c);

Talli wkoll fl-istess zmien u cirkostanzi ha pussess ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg jew ghamel uzu minnhom.  (Ch. 9 sec 337C, 1f).

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li biha awtorizza li dawn il-proceduri jinstemghu sommarjament. Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat l-atti processwali inkluz il-fedina penali tal-imputat li hija netta.

Illi l-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri kienu illi fl-ewwel (1) ta' Lulju 2009 mart l-imputat ossija Sharon Ellul, ghamlet rapport l-ghassa tal-Pulizija li r-ragel taghha kien qed jidhol fid-data tal-kompjuter taghha, gabar din id-data u pprezentaha fl-atti tal-proceduri ta' separazzjoni quddiem il-Qorti tal-Familja. Din id-data giet ipprezentata ukoll f'dawn il-proceduri immarkati bhala Dok. FM1 u Dok SE.

Illi din il-materja hija pjuttost gdida ghall-Qrati Maltin tant li ma ssibx gurisprudenza li taghti konfort lil min qed jiddeciedi kawzi bhal dawn. L-Artikoli tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jirregolaw din il-materja u cioe` l-Artikolu 337 huwa pjuttost miftuh ghal interpretazzjoni u ma jkoprix espressament cirkostanzi bejn zewg mizzewwgin bhal kaz in kwistjoni.

Izda jekk wiehed janalizza dan l-Artikolu, immedjatament tispikka l-kelma ***"minghajr awtorizzazzjoni"*** u ghaldaqstant huwa importanti f'dawn il-proceduri li johrog jekk l-imputat fil-fatt kellux l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex jaghmel dak li ghamel (li wara kollox il-fatti ma gewx kontradetti mill-istess imputat) u jekk ma kellux, jekk il-posizzjoni tieghu bhala r-ragel tal-kwerelanti u bhala amministratur tal-imsemmi kompjuter kenitx tali li tirrendi tali awtorizzazzjoni inerenti.

Illi mill-istqarrija tal-imputat hareg illi ghall-habta ta' Awwissu 2007, hu beda jkollu suspetti fuq il-mara tieghu stante li l-agir taghha fil-konfront tieghu kien inbidel. Illi huwa ghalhekk beda jindaga xi programmi hawn fuq is-suq sabiex huwa jkun jaf ma min kienet qeghda tikkorrispondi l-mara tieghu fuq il-mezzi tal-kompjuter. Illi ghalhekk sab programm fuq e-bay u installah fuq il-kompjuter li kienet tuza l-mara tieghu sabiex b'hekk dan il-programm ikun jirregistra dak kollox li l-mara tieghu tkun ghamlet fuq dak il-kompjuter inkluz ma' min ikkorrispondiet u x'qalet. Huwa fil-fatt kien spjega fid-dettal kif jahdem dan il-programm. Illi minn hemmhekk huwa ntebah li l-mara tieghu kellha relazzjoni extra-konjugali u ghalhekk gibed din id-data li kien gabar tul xhur shah u esebiha fil-proceduri ta' separazzjoni.

Illi hareg ovvju illi l-mara tieghu u cioe` Sharon Ellul ma kienet taf b'xejn x'qed jigri fil-kompjuter li kienet tuza tant hu hekk li meta rat dik id-data esebita, hija marret taghmel rapport l-ghassa tal-Pulizija. Illi ghalhekk hareg car illi l-imputat ma kellux l-awtorizzazzjoni mehtiega mill-mara tieghu sabiex jinstalla u juza' dan il-programm.

Illi d-difiza li pprova jaghmel l-imputat kienet illi huwa ma ghamel xejn hazin ghaliex fl-ewwel lok huwa kien l-amministratur ta' dak il-kompjuter u ghalhekk seta' jaghmel li jrid fih u fit-tieni nett huwa qatt ma uza l-"passwords" tal-mara tieghu sabiex jidhol f'dawn il-programmi.

Illi ghalkemm id-difiza hija korretta fejn qalet illi r-rwol taghha bhala amministratur kien li l-imputat kellu l-fakulta`

li jaghmel li jrid, pero` fil-limiti tal-legalita`. L-imputat ma setax qua amministratur joltrepassa r-rwol tieghu billi jaghmel atti li m'humiex leciti. Jekk wiehed jara x-xhieda tas-Supretendent  Paul Caruana li jiehu hsieb is-Cyber Crime Unit, dan ghamel assimilazzjoni tajba hafna u cioe` huwa qal illi ghalkemm huwa personali huwa l-amministratur tal-kompjuters kollha tad-Depot tal-Pulizija, huwa qatt ma jista' jidhol fuq e-mails ta' haddiehor minghajr l-awtorizzazzjoni ta' dik il-persuna.

Illi fil-kaz odjern, jidher car, anke mix-xhieda tal-istess mara tal-imputat, li din l-awtorizzazzjoni kienet mankanti tant li hareg car illi t-tnejn kellhom "passwords" differenti biex jidhlu fil-programmi li kienu juzaw. Fattur iehor important hafna hu li l-fatt illi l-imputat kelllu jinstalla programm apparti sabiex ikun jista' jispija fuq il-movimenti tal-mara tieghu fuq dak il-kompjuter jipprova l-"mens rea" mehtiega ghal dan ir-reat. Infatti fis-sitt edizzjoni ta' *Computer Law* ippublikat minn Reed u Angel b'referenza ghal Computer Misuse Act tar-Renju Unit,  jinghad hekk (pagna 565):

***"First, there must be 'intent to secure access to any program or data held in any computer. . . .***
***Second, the person must know at the time that he commits the actus reus that the access he intends to secure is unauthorised. The intent does not have to be directed at any particular program."***

Il-fatt illi l-imputat xtara dan il-programm minn e-bay ma jfissirx illi huwa seta' jaghmel li jrid bih, ghaliex ghalkemm il-programm jista' jkun wiehed legali izda l-uzu li taghmel minnu mhux necessarjament ikun tali.

Illi ghalhekk, skont il-fehma tal-Qorti, l-imputat ma kellux l-awtorizazzjoni mehtiega sabiex jinstalla dak il-programm u sussegwentement jesebih il-Qorti, u qua amministratur u ragel tal-kwerelanti  ugwalment ma kellux is-setgha li jaghmel hekk u ghaldaqstant huwa ghandu jinstab hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17(h), 337C (1) (a), (b) (c) u (f) fejn dawn jigu assorbiti kollha f’reat wiehed, u Art 337F (1)  tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed ssib lill-imputat Louis Ellul hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tikkundannah multa ta’ elf u hames mitt Ewro (EUR 1,500).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------